MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 1839/1999/1

**Charlton Farrugia**

**Vs**

**Joseph Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid l-ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-29 ta' Lulju 1999 f'B'Kara Road, St. Julians waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru IMY 291, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru BAO 129 u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2000 in-numru 129 qed jigi mibdul b'192

propjieta tal-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din l-vettura.
2. Tillikwida d-danni sofferti mil-atturi fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350.00) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-konsult (Lm10.00) ta' Ittra Ufficjali tat-2 ta' Frar 1999, u ta' ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma l-avviz kontra l-assikuratzzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-ewwel talba attrici kif dedotta ma tistax tintlaqa' stante illi l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni illi l-eccipjenti huwa responsabbli ghal danni sofferti minn socjeta' attrici li mhix parti f'din il-kawza u ghalhekk il-gudizzjoni mhux integru;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghall-incident de quo illi izda sehh minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Charlton Farrugia;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat;

4. Salv eccezzjonijet ohra.

Rat id-digriet taghha moghti "seduta stante", fl-14 ta' Novembru 2000 (fol 9 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, dwar dan l-incident, li gara ghal habta ta' nofs-lejl ghandu jinghad minnufih ili ma sar l-ebda skizz izda kien sar biss rapport, kif esebit mill-istess attur u li jinsab a fol 38 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, dwar id-dinamika ta' dan l-incident l-attur spjega (a fol 11, 20, 33 u 37 ibid) illi l-kollisjoni in esami grat fi Triq Birkirkara, f'San Giljan. Hu kien qed jsuq sabiex jmur lejn Tas-Sliema, wara li kien iffrekwenta stabbilment kummercjali ta' divertiment Paceville, flimkien ma habib tieghu, Peter Spiteri. Fl-istess xhieda hu semma' li l-istess incident gara fit-Triq imsemmija '…. Qabel ma taqbad …..(l-)ewwel nizla fejn hemm il-'Belmont Hotel'. Difatti hu kien bi hsiebu li, kif jasal mal-imsemmija nizla, jdur lejn il-lemin sabiex jsuq lejn is-Savoy. Hawnhekk, fil-fehma tieghu saq mid-direzzjoni tas-Savoy, ra li kienet gejja lejh 'minibus' ahmar, misjuq mill-konvenut. Kif iz-zewg vetturi gew ma xulxin 'L-istess minibus laqtitni minn quddiem sa wara fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tieghi ….' Wara li grat il-kollisjoni kif deskirtta, l-attur waqaf u nizel mill-karozza tieghu waqt li l-konvenut, wara li waqaf '…. Hafna boghod mill-habta' saq l'hemm. Ghalhekk hu kien mar fl-Ghassa tad-distrett sabiex jirraporta dan il-kaz u hawnhekk kien skopra li anke l-konvenut kien ghamel rapport lill-Pulizija. L-attur fl-istess xhieda, semma' li t-triq in kwistjoni hi dejqa, li fuq ix-xellug tieghu kien hemm karozzi parkeggati, u li 'Nikkalkola li kont ghaddej (fuq ir-raba 'gear') b'40/60 kilometri fis-siegha'. In rigward il-konvenut, fil-fehma tieghu, l-istess konvenut kien '..ghaddej bi speed eccessiv' waqt li kien hiereg minn kisra fl-istess triq u 'Jiena nghid li hu kien fuq in-naha hazina tat-triq' In rigward il-passiggier li kien mal-attur, Peter Spiteri (fol 15 et seq ibid), dan issottolinea li l-attur kien qed jsuq, qabel l-incident, '…. Verament bil-mod ….35 kilometru biss'. In rigward il-'minibus' misjuq mill-konvenut kontrarjament ghal dak li xehed l-attur, hu specifika li dan '…. Ma kienx gej bi speed eccessiv'.

Inoltre, wara li semma’, ukoll li t-Triq in kwistjoni hi dejqa, hu ssottolinea li l-konvenut ‘…. Ma kienx qed iross mal-bankina fuq ix-xellug tieghu’ anzi dan kien ‘…. Pied il-barra mill-bankina fuq ix-xellug tieghu’. Dwar il-habta, hu ddeskrivha bhala “… wahda zbrixx’.

Ikkunsidarat

Illi da parti tieghu, il-konvenut (fol 42 et seq ibid) spjega li kien qed jsuq fl-istess triq, gej mid-direzzjoni tas-Savoy. Meta saq fil-parti dejqa ta’ Triq Imrabat u dar, kien ra lill-attur gej minn faccata u dan ‘Minflok dar ghat-tul baqa’ diehel go fiha, ghad-dritt’ u ‘…. Bi zbrixx’. Dwar il-hsara fuq il-vettura tieghu hu semma li l-unika hsara li kellu kienet ‘vicin il-mudguard fuq wara fuq il-lemin’.

Ikkunsidrat

Illi, f’dan il-kaz ma sar ebda skizz minhabba dak li di gja gie premess u in atti hemm biss kopja tar-rapport, li gie esebit mill-istess attur (fol 38 et seq ibid). Fuq l-istess rapport, jinghad li ‘officer in charge report’ kien certu PS 429 Mark Schembri li, pero’, ma setax jigi prodott ghax ‘… sallum ghadu mhux rintraccjat’ (fol 37 ibid) u ‘on the envelope is written ‘not known’ (fol 30 ‘a tergo’).

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, wiehed jista’ jara li l-incident in esami gara fi triq pjuttost dejqa u l-vetturi involuti kienu qed jinsaqu vicin hafna ta’ ‘the crown of the road’. L-istess lokalita tirrikjedi sewqan pprudenti u attenzjoni aktar minn normal. Dwar dan il-punt il-Qorti ma tarax li l-attur, filfatt, kien qed jsuq b’mod prudenti tenut kont li ‘ex admisses’ kien ghaddej fuq ir-raba’ ‘gear’ u b’velocita ta’ ‘40/60 kilometru fis-siegha’, velocita li, b’mod evidenti, ma hiex rakkomandabbli fil-lokalita’ kif deskritta. Minhabba hekk, parti sostanzjali tar-responsabilta’ ghal dan l-incident trid tigi akkollata lill-attur. Filfatt wara li qieset il-fatti kollha risultanti mill-evidenza prodotta mill-partijiet ir-responsabilita’ ta’ dan l-incident ghandha tigi maqsuma

b'mod ugwali, bejn il-partijiet u ghall-istess ragjunijiet dedotti fil-konfront tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ammont pretiz fl-avviz, l-attur stess specifika li l-hsarat fil-vettura tieghu ghandhom jigu likwidati f'ammont anqas cjoe Lm298 (ara fol 20 sa fol 26 ibid).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa 'in parte' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala ko-responsabbli ghal dan l-incident fil-kwota hawn fuq premessa minhabba sewqan imprudenti u traskurat da parti tal-istess konvenut kif hawn fuq premessa.

2. tillikwida l-ammont ta' danni b'mod globali, fis-somma ta' Lm298 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nofs id-danni pretizi minnu ammontanti ghal Lm149 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes kollha, inklusi Lm10 ghal konsult u dawk tal-ittri ufficjali tat-2 ta' Frar 1999 u tas-16 ta' Dicembru 1999, dawni jithallsu nofs (1/2) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------